

# L-Obeżita fl-Unjoni Ewropea... u f'Malta

**L-obeżità, jew aħjar ħxuna żejda, hija waħda mill-problemi tas-saħħa l-iktar serji minħabba li żżid b'mod sinifikattiv ir-riskju ta' mard kroniku, inklużi d-dijabete, mard tal-qalb, kif ukoll ċerti tipi ta' kanċer. Stħarriġ ippubblikat fil-ġimgħat li għaddew mill-'Eurostat', l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (UE), li sar f'19-il pajjiż Membru tal-UE, inkluż f'Malta, jitfa' dawl fuq is-sitwazzjoni tal-obeżità fost persuni 'l fuq minn 18-il sena fl-UE. Ir-rapport isostni li kulma jmur din il-problema qiegħda tiżdied, bir-riżultat li aktar minn nofs il-popolazzjoni tal-adulti madwar l-UE għandhom piż żejjed.**

Minn dan l-istħarriġ jirriżulta li:

- Ir-rata medja ta' adulti Ewropej obeżi tvarja bejn 8.0% u 23.9% fin-nisa u bejn 7.6% u 24.7% fl-irġiel.
- Malta tinsab fil-quċċata tal-klassifika ta' persuni adulti b'piż żejjed, bl-ogħla rata ta' rġiel obeżi (24.7%) u bit-tieni l-akbar rata ta' nisa obeżi (21.2%) wara r-Renju Unit b'rata ta' 23.9%.
- Ir-Rumanija għandha l-anqas rata ta' obeżità (8.0% fin-nisa u 7.6% fl-irġiel), segwita mill-Italja (9.3% u 11.3%) u l-Bulgarija (11.3 u 11.6%).
- Ftit li xejn teżisti differenza fir-rata ta' obeżità bejn in-nisa u l-irġiel. Ir-rata ta' nisa obeżi kienet aktar minn dik tal-irġiel fi 8 Stati Membri u anqas f'10 pajjiżi, inkluż f'Malta. Il-Ġreċja huwa l-uniku Stat Membru fejn il-persentaġġ ta' nisa u rġiel obeżi huwa l-istess (17.6%).
- F'Malta, bħal fil-kumplament tal-pajjiżi Ewropej, ir-rata ta' obeżità tikber aktar ma n-nies jiżdiedu fl-età. Il-maġġorparti ta' nies obeżi f'pajjiżna għandhom bejn l-45 u s-74 sena.
- Hemm tendenza li l-obeżità tal-individwu tonqos iktar ma jogħla l-livell ta' edukazzjoni. Skont ir-riċerka, dan il-fattur hu komuni fil-maġġorparti tal-Istati Membri.

Għal aktar dettalji dwar l-istħarriġ tista' żżur is-sit:

**http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/3-24112011-BP/EN/3-24112011-BP-EN.PDF**


Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112
Tel: 2200 3300
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt